MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 634/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Tracey Borg (K.I. 417574M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ hames mija, sitta u disghin ewro u hdax-il centezmu (€596.11) rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvneuta inkonessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru 9943 6206.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz dak tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-22 ta’ Frar, 2011 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal u ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------